**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**HAL LIJA**
**TEL NO : 21416111 FAX : 21416941**
**EMAIL : lija.lc@gov.mt**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 67

L-Erbgħa 01 ta' Novembru 2017

Il-Kunsill Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5:00p.m. ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku
Is-Sinjorina Stephanie Cutajar – Viċi Sindku
Is-Sinjorina Lorraine Farrugia – Minority Leader
Is-Sinjur Massimo Scerri – Kunsillier
Is-Sur Salvu Farrugia – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI
Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Georgette Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi ppresedjat il-laqgħa.

## 67.1 Introduzzjoni

67.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-17.00 hrs b'introduzzjoni mis-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi.

67.1.2 Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi stiednet lill-Kunsilliera biex jagħmlu l-korrezzjonijiet tagħhom għall-minuti nr 66 ta' 4 ta' Ottubru 2017.

67.1.3 Korrezzjonijiet ma kienx hemm. Fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia sekondata mis-Sur Massimo Scerri minuti nr 66 bid-data ta' 4 ta' Ottubru 2017 ġew approvati unanimament.

## 67.2 Punti mqajma mill-minuti

67.2.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq 66.3.69 fuq it-tiżjin li l-Kunsill iddeċieda li jagħmel għal żmien il-Milied.

67.2.2 Is-Sinjorina Farrugia ssuġġerit li l-istilla m'għandix titwaħħal fit-Torri peress li t-Torri ser ikun mixgħul bil-kulur imma titwaħħal fi Vjal it-Trasfigurazzjoni.

67.2.3 Saret diskussjoni fuq hekk u ġie deċiż li għandu jiġi ċċekkjat jekk hemm wires adattati biex titwaħħal din l-istilla fi Vjal it-Trasfigurazzjoni qabel ma tibda t-tondjatura tat-Torri. Id-dawl jittieħed mit-Torri.

67.2.4 Is-Segretarju nfurmat li l-ħaddiema tal-Kunsill ser jirranġaw l-Awguri u din titwaħħal mal-faċċata ta'l-uffiċċju tal-Kunsill.

67.2.5 Ġie deċiż li għandna ngħidu lil xi ħadd, bi ħlas, biex jgħin lill-ħaddiema tal-Kunsill biex iniżżlu din l-Awguri minn fuq il-bejt.

### 67.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU / VIP LIST

67.3.1 Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq 66.3 tal-minuti fuq l-attivita' li ser titwaqqaf mill-President fi żmien il-Milied.

67.3.2 Hija nfurmat lill-Kunsill li marret il-laqgħa li saret fuq din l-attivita' fejn kull raħal jew belt f'Malta kellu jkun hemm tapit fejn ir-residenti jagħtu € 2.00.

67.3.3 Hija qalet li f'din il-laqgħa ġew infurmati li dan it-tapit mhuxser isir f'kull raħal jew belt imma kull Kunsill li irid jieħu sehem jista' jagħmel xi attivita' bħal per eżempju żfin jew banda, fil-Pjazza San Ġorġ, il-Belt Valletta għal nofs siegħa.

67.3.4 Is-Sindku nfurmat li hija tkellmet mal-President tal-Banda fejn aċċetta li jagħmel kunċert, ta' nofs siegħa bl-isem 'Għanijiet u l-laring' bil-kor tal-Parroċċa, t-tfal ta' l-iskola ta' Ħal Lija u l-istudenti tal-banda, fit-2 jew 3 ta' Diċembru 2017.

67.3.5 Il-Banda San Pio X għandhom jitkellmu direttament mas-Sur Peter Busuttil l-organizzatur ta' din l-attivita'.

67.3.6 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat ukoll li fit-2 jew 3 ta' Diċembru nistgħu nsibu sponsor għall-qoffa bil-laring biex titpoġġa fuq iz-zuntier u n-nies jieħdu u jitfgħu d-donazzjonijiet tagħhom għal per eżempju €2.00.

67.3.7 Il-flus jinġabru wara mill-uffiċċju tal-President.

67.3.8 Il-Kunsill qabel dwar dan il-programm.

67.3.9 Residenta li toqgħod fi Triq il-Kbira qed tagħmel suġġeriment biex isir culvert f'nofs ta' triq minħabba l-ilma.

67.3.10 Din ir-request ġiet diskussa mill-Kunsill u ġie deċiż li għandna nistaqsu eżatt fejn ġo Triq il-Kbira u għaliex qed jintalab dan il-culvert.

67.3.11 Resident li joqgħod fi Triq Dun Karm Lia għandu garaxx li huwa numru 17 u qed jagħmel request biex issir kaxxa safra quddiem il-garaxx. Dan għaliex qed jinkwita li l-problema tal-parking minħabba l-binja l-ġdida tal-gap li qed tinbena se tiżdied x'ħin jiġu joqgħodu n- nies.

67.3.12 Dan ir-resident qed jibża li se jibdew jipparkjawlu n-nies quddiem il-garaxx kif sfortunatament diġa ġralu darba u ma setax joħroġ biex imur l-isptar. Dan is-Sinjur anzjan ħafna u jbati anke mill-*parkinsons desease* u anke għandu *pace maker*. Jiġifieri huwa mportanti ħafna li l-garaxx tiegħu ma jkunx ostakolat. Double yellow lines mal-ġnub qal li ma jistgħux jsiru għax il-garaxx qiegħed skuntrat.

67.3.13 Dan ir-request ġie diskuss mill-Kunsilliera u ġie approvata imma r-resident irid l-ewwel jagħmel il-'proper signage' bħal 'Tow Zone' u 'No Parking'.

67.3.14 Request mingħand Mario tal-Percius biex quddiem is-showroom tagħhom fi Triq Robert Mifsud Bonnici issir kaxxa safra.

67.3.15 Il-Kunsill approva din ir-request u għandha tintbagħat request lit-TM.

67.3.16 Tressqet request mingħand resident li joqgħod Triq Robert Mifsud Bonnici biex jsiru double yellow lines mal-ġnub tal-garaxx tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici numru 75 li jinstab eżatti ma' ġenb MAX insurance.

67.3.17 Il-Kunsill iddiskuta din ir-request u peress li fuq kull naħa tar-residenza hemm garaxxijiet, dan jista' jsir il-wisgħa taċ-ċinta biss.

67.3.18 Resident li joqgħod Triq Robert Mifsud Bonnici qed jagħmel request biex kemm mal-ġnub u anke quddiem il-garaxx tiegħu isir double line twil ħalli ħadd ma joqgħodlu quddiem il-garaxx.

67.3.19 Is-Segretarju ġie nfurmata li dan ir-resident diġa kien ġie nfurmat li jekk jagħmel hekk lanqas hu ma jkun jista joqgħod quddiem il-garaxx imma baqa jinsisti li peress li huwa ma jipparkjax quddiem il-garaxx, iridu hekk.

67.3.20 Dan ir-request ġie diskuss mill-Kunsilliera imma ma qablux li dan jista' jsir għaldaqstant għandna nispjegaw lir-resident.

67.3.21 Residenta tixtieq tirrangrazzja lill-Kunsill ta' l-sleeping policeman li saret fi Triq il-Kunċizzjoni. Pero hija qalet li din l-sleeping policeman saret baxxa ħafna u xorta qed jiskapulawha l-karozzi minħabba l-fatt li din maqsuma ukoll.

67.3.22Din ir-residenta qed tissuġerrixi biex qabel din l-sleeping policeman jsiru dawk il-linji tal-lastiku biex żgur jiefqu aktar il-karozzi.

67.3.23 Wara li dan ir-request ġie diskuss mill-Kunsilliera, ġie deċiż li għandna titpoġġa lasktu oħra fin-nofs ta' l-sleeping policeman eżistenti u forsi jitressqu ftit tal-ġnub.

67.3.24 Request mingħand residenta li toqgħod Triq Depiro Gourgion biex issir camera fit-triq għax ħafna nies qed iwaddbu ħafna ħmieġ bħal fniek, u ħut jinten ġot-triq.

67.3.25 Din ir-residenta qed tgħid li Green wardens għalxejn għax m'hemmx ħin bejn wieħed u ieħor ta' x'ħin qed isir dan għax in-nies qed jitfgħu x'ħin ifettlilhom.

67.3.26 Il-Kunsill iddiskuta din ir-request u camera bħalissa ma tistax issir minħabba l-finanzi imma żgur irid isir tindif f'din l-area.

67.3.27 Tressqet suġġeriment mingħand il-Gwardjan Lokali fejn qed titlob biex waqt il-ħin ta' l-iskola kemm filgħodu u wara nofs inhar ma tibqax tgħaddi l-karozza tal-linja. Qed jitolbu biex tal-linja tiġi *diverted* minħabba l-periklu li ma jmurx jittajjar xi ħadd mit-tfal.

67.3.28 Il-Kunsill ma qabilx ma' dan is-suġġeriment u enfasizza li huwa d-dover tal-Gwardjan li jieħu ħsieb il-periklu tat-tfal.

67.3.29Is-Segretarju enfasizzat li għandha ssir *enforcement* mill-gwardjani li l-karozzi josservaw is-signage fil-bidu ta' Triq Robert Mifsud Bonnici u ma jidħlux għax dan mhux qed isir u l-karozzi jidħlu xorta waħda.

67.3.30Għandu jerġa jiġi ċċekkjat z-zebra crossing li kien approvat xi darba f'din it-triq. Għandu jiġi ċċekkjat ukoll ir-railings ta' ma' l-iskola.

67.3.31 Għandha tiġi kkuntjata il-Head mistress biex tgħin f'dan il-proġett fejn il-Kunsill qed jgħid li l-Education għanhom jagħmlu r-railings u l-Kunsill jieħu ħsieb iz-zebra crossings.

67.3.32 Is-Segretarju nfurmat li z-zebra crossings tkun għalxejn għal waqt il-ħin ta' l-iskola peress li f'dak il-ħin il-karozzi ma jagħdux u triq tkun magħluqa.

67.3.33 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia reġgħet fakkret fuq iz-zebra crossings fi Triq Sant'Andrija.

67.3.34 Għandu jerġa jiġi ċċekkjat għaliex ma kienetx ġiet approvata u għalhekk jinstab post alternattiv fejn jistgħu jsiru.

67.3.35 Is-Segretarju u s-Sinjorina Lorraine għandhom imorru 'on site' u jiċċekkjaw dwar dan.

67.3.36 Is-Segretarju ressqet kwotazzjonijiet għas- sistema tal-accounts. Sage Evolution Progressive Ltd €1362.90 inclusive of vat u ICT Solutions €1163.77 inclusive of vat. Fil-pakkett ta' ICT Solutions hemm support u l-maintenance li jiswa €402.68 inc Vat u jrid jibqa jitħallas kull sena.

67.3.37Minn naħa l-oħra fil-pakkett tal-Progressive Ltd m'hemmx inkluż support and maintenance. Ġew ikkuntatjati l-Progressive Ltd u qalulna li minkejja li m'hemmx imniżżel dawn joffruh għal l-ammont ta' €150.00 + Vat u jkun kopert għal sena sħiħa għal dak kollox li jista jinqala. Jew inkella jista flokk jitħallas għal sena jekk il-Kunsill jkollu problema jista jiġi technician on site u jitħallas bi €40 + Vat is-siegħa skond kemm jdum isolvi l-problema.

67.3.38 Wara li l-Kunsilliera raw il-pakkett kollu taż-żewġ kwotazzjonijiet ġie deċiż li tintgħażel il-kwotazzjoni tas-Sage Evolution Progressive Ltd u rigward il-maintenace, il-Kunsill qabel li jekk ikun il-bżonn jitħallas €40.00 + Vat kull siegħa.

67.3.39 Is-Sindku tkellmet fuq il-bankina ta' Triq Ramiro Barbaro fejn resident kien kellimha li ma tistax isir bankina jekk l-ewwel ma ssirx it-triq bit-tarmac u isir taqleb minħabba x-xita għaliex bil-bankina jibqa niżel kollu għal ġo dar tiegħu. Għalhekk trid tinstab alternattiva oħra bħal per eżempju keep clear quddiem il-bieb jew kaxxa safra jew double yellow lines.

67.3.40Fuq din ir-request, il-Kunsill approva li għandha ssir kaxxa safra zgħira quddiem il-bieb u tintbagħat lil TM għal l-approvazzjoni tagħhom.

67.3.41 Ġie deċiż ukoll li għandna nistaqsu lil min għamel ir-request oriġinarjament biex naraw jekk isir culvert ikunu jistgħux jieħdu l-ilma peress li għandhom ġnien kbir.

67.3.42 Saret talba mingħand residenta li l-one way signs li hemm fi Triq Ġużeppi Portelli isiru minn naħa ta' Triq Sant'Antnin int u tiela għal Triq Ġużeppi Portelli biex minn ikun ġej minn dik it-triq ikun jista jarahom. Is-Sinjura qeda tgħaddi ukoll suġġeriment biex bejn

6:30 a.m. – 8:30 a.m. ma jsirx parkeġġ fi Triq Sant'Antnin,Ħ' Attard ħdejn il-Kitchen Garden.

67.3.43 Biex tiġi approvata din ir-request irid jittieħed permess mingħand il-Kunsill ta' Ħ'Attard għaldaqstant ġie deċiż li din is-sign titwaħħal fl-istess triq fejn qeda imma ftit iktar l-isfel.

67.3.44 Fuq is-tieni suġġeriment il-Kunsill ma qabilx.

67.3.45 Is-Sindku,s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat li kellmitha s-Sinjura Maria Muscat biex hija tagħmel użu mit-Torri Belvedere fi 12 ta' Novembru, 2017 għal filming ta' music video tagħha stess. Hija qed tistaqsi jekk hemmx xi fee, kemm hi u jekk din il-fee tistax tkun sponsered. Barra minn hekk saqsiet ukoll jekk jkunx hemm aċċess għal l-eletrikku biex tqabbad żewġ bozzoz.

67.3.46 Il-Kunsill aċċetta din ir-request u ma jsirx ħlas, għalkemm hemm bye-law li għad trid tiġi approvata, diment li dan il-video cover ikun hemm miktub li dan ġie sponsored mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija.

67.3.47 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ssuġerit li għandna nitkellmu mal-Kunsill tal-Mellieħa biex naraw x'kienu għamlu huma meta s-Sinjura Muscat għamlet l-istess ħaġa fil-lokal tagħhom.

67.3.48 L-owner ta' Toy Frenzi kienet ħalset għal sitt tabelli forma ta' vleġġa bl-isem tal-ħanut. Dawn it-tabelli twaħħlu f'diversi postijiet f'Ħal Lija biex jindikaw fejn qiegħed il-ħanut. Waħda minn dawn it-tabella twaħħlet fuq pole fejn iz-zuntier. Rigward din it-tabella n-nies ilmentaw li kienet ħażina u baxxa u kien hemm min anke ħabat rasu.

67.3.49 Kienet ġiet ikkuntatjatha s-Sinjura Mizzi diversi drabi biex taqlagħa dawn it-tabelli u jinstab post alternattiv. Pero hija qalet post ieħor m'hemmx u provat tikkopera billi ssuġġerit li tolliha aktar il-fuq possibbli. Pero ġara li issa xi ħadd kissirilha u din mhux l-ewwel darba li sabitha mkissra u kella terġa tonfoq spiża biex tagħmel tabella oħra. Peress li issa reġgħat tkisret hija ma tridx twaħħal oħra u qed titlob biex il-Kunsill jagħtiha refund tal-flus.

67.3.50Il-Kunsill ma qabilx li għandna nagħtu refund lura ta' din it-tabella għax kull tabella la qeda imwaħħla barra tkun f'riskju.

67.3.51 Is-Segretarju, ressqet il-leave ta' l-istaff tal-Kunsill biex jiġi approvat li jiġġeded għas-sena 2018.

67.3.52 Is-Sinjura Dorianne Bonnici Bondin għandha tnax il-siegħa.
Is-Sinjorina Pamela Borg għandha tmienja u erbgħin siegħa.
Is-Sinjura Audrey Pace għandha għaxar siegħat.

67.3.53 Il-Kunsill approva s-siegħat kollha tal-ħaddiema tal-Kunsill għandhom jiġġeddu għas-sena 2018.

67.3.54 Is-Segretarju, tkellmet fuq kwistjoni li ġrat fi Triq Robert Mifsud Bonnici ħdejn il-ground tal-football, rigward li waqgħu xi balavostri minn ħdejn il-football ground.

67.3.55 Il-Kunsill irid jiddeċiedi kif ser tissewwa din il-ħsara peress li kien hemm diversi suġġerimenti mill-Kunsilliera.

67.3.56 Saret diskussjoni mill-Kunsilliera u ġie deċiż li nagħżlu l-irħas spiża, għalhekk għandhom jinġiebu kwotazzjoni fuq il-kumplament tal-balavostri u fuq ħajt tal-ħadid.

67.3.57 Request b'email mingħand is-Sur Conrad Buttigieg Scicluna Ta'Dance Studio fejn qed jitlob li trid titwaħħal sign ta' Assembley Point Standard Size f'każ ta' fire evacuation ma' l-entratura taċ- Ċentru Rekreattiv.

67.3.58 Il-Kunsill qabel ma' din ir-request.

67.3.59 Is-Segretarju ressqet żewġ ittri fuq parteċipazzjoni fil-kampanja "Tetra għall-istrina" ta' Green MT jew parteċipazzjoni fil-kampanja "Nirriċikla għall-istrina" tal-Greenpak.

67.3.60 Il-Kunsill irid jiddeċidi fl-liema kampanja ser jieħu sehem jew inkella jista jieħu sehem fit-tnejn.

67.3.61 Wara li saret diskussjoni mill-Kunsilliera ġie deċiż li peress li m'għandix post fejn nagħmlu l-kartun tal-ħalib u l-juices anke minħabba l-irwejjaħ, ma nieħdux sehem f'din il-kampanja imma nieħdu sehem fil-kampanja tal-GreenPak fejn ser jinġabru t-tappijiet.

67.3.62 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, tkellmet fuq il-laqgħa tar-Reġjun li reċentament kellha fejn ġiet infurmata li l-ispejjes tat-transport li jagħmlu l-ħaddiema tar-Reġjun mhux ser jitħallsu iktar mir-Reġjun imma ser jitħallsu mill-Kunsill rispettiv.

67.3.63 Is-Sindku qalet li din id-deċiżjoni ittieħded li dawn jitħallsu *back dated* minn Diċembru 2016. Hija qalet li dan mhux li semgħet hi imma jista jkun li ntqalet u hi ma ndunatx.

67.3.64 Il-Kunsill ma qabilx li dawn il-ħlasijiet għandhom ikunu *back dated* imma ser jipproċedi bil-ħlas.

67.3.65 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li l-van tal-Kunsill suppost għandu ikun lest għal bidu tal-ġimgħa d-dieħla.

67.3.66 Fl-istess ħin qed jintuża l-van privat tal-ħaddiem tal-Kunsill u qed jingħata kumpens għall-petrol kif titlob il-liġi.

67.3.67 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, reġgħet infurmat lill-Kunsill li f'Marzu li ġej, is-Sur Michael Bedingfield, ħaddiem tal-maintenance ser jirtira mill-Kunsill allura irid jinstab *replacement.*

67.3.68 Hija qalet li l-Kunsill ta' Ħ'Attard ġabu wieħed *seconded* mill-EneMalta u hemm xi ħadt minn Ħal Lija li jaħdem ma' l-EneMalta li wera x-xewqa li jaħdem fil-Kunsill.

67.3.69 Is-Sindku xtaqet feedback mill-Kunsilliera fuq dan u kull Kunsillier ta' l-feedback tiegħu.

67.3.70 Kien hemm min qal li jiġi min jiġi rrid isir programm ta' xogħolijiet u jiġi ċċekkjat li x-xogħolijiet meħtieġa ikunu saru.

67.3.71 Is-Sindku qalet li min jiġi mal-Kunsill irid ikollu *probation period* u għandha ssir laqgħa mal-persuna biex nagħtuh il-job description kif ikun mitlub minnu mill-Kunsill u kif kien jagħmel il-ħaddiem ta' qablu.

67.3.72 Ġie deċiż li għandha tingħabar iktar informazzjoni fuq dan bħal kundizzjonijiet tax-xogħol u min jiġi għandu josserva l-ħinijiet tax-xogħol flimkien mal-ħaddiem l-ieħor.

67.3.73 Għalhekk deċiżjoni għada ma itteħditx qabel tinġabar aktar informazzjoni.

67.3.74 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li l-programm fuq il-Kunsill ta' Ħal Lija ixxandar fuq TVM2 sar it-Tnejn 30 t'Ottubru, kellu jkollu ripetizzjoni nhar il-Ħamis 5 ta' Novembru 2017 u jista' jiġi segwit 'On demand' sa ġimgħa ta' wara.

67.3.75 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat li tnejn mill-bye-laws issa huma iffirmati u waslu fil-final.

67.3.76Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill tlett samples fuq il-multi purpost ground.

67.3.77Dawn kienu ta' Sur Desmond Mizzi għall-prezz ta' € 22,584.49 VAT included, JGC Play On għall- prezz ta' €13,710.00 VAT included u 389 Ltd għall- prezz ta' €24,691.50 VAT included.

67.3.78Wara li saret diskussjoni fuq dawn is-samples ġie deċiż li għandha tinġieb iktar informazzjoni fuq is-samples ta' Desmond Mizzi u 389 Ltd. bħal per eżempju x'jiġi fuq il-parti ta' fuq u jiġi taħt u payment terms.

67.3.79 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li għalissa mhux ser tinħareġ tender fuq dan il-Multi Purpose biex naraw kemm ser tiġi l-ispiża fuq id-dawl tal-ġnien.
67.3.80 Hija nfurmat li l-kuntrattur għadu qed jaħdem biex tiġi stabbilita il-fault.
67.3.81 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li fuq il-bus shelters m'hemmx xejn ġdid.
67.3.82 Hija infurmat li t-tender tal-Bus shelter ta' ħdejn l-Orienta għalissa qeda miżmuma għax infetħet claim allura għalissa ma jista isir xejn.
67.3.83 Hija infurmat lill-Kunsill li fuq il-Bus shelter ta' Triq Kardinal Ferretti ġejna nfurmati li jew nibgħatu r-request lit-TM bl-e-form jew inkella tintbagħat e-mail lit-TM biex jibgħatulna il-proċedura ta' kif il-Kunsill għandu japplika għal Bus Shelter għax anke iridu isiru l-permessi tal-MEPA.
67.3.84 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ressqet suġġeriment biex issir zebra crossing fi Vjal it-Trasfigurazzjoni peress li kienet kellmitha residenta.
67.3.85 Peress li diġa teżisti zebra crossing fil-viċin, il-Kunsill iddeċieda li napplikaw għall-zebra cross quddiem il-katina biex ma jintilifx parking space jew għalinqas jintilef parking space wieħed biss.
67.3.86 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li meta hija flimkien mas-Segretarju marru biex jimmarkaw fejn iridu jiġu l-bring-in-sites ġie nnotat li m'hemmx dawl fit-triq allura il-Kunsill irid japprova li napplikaw għal lampa ġdida f'din l-area anke għal fatt li trid titpoġġa l-camera.
67.3.87 Għandu jiġi kkuntatjat Fabian imma l-ewwel irridu l-approvazzjoni mingħand il-Green Pak fuq l-area li ntagħżlet.
67.3.88 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq Triq Kjeriku Ġakbu Abela minn naħa fejn tibda, minnTriq il-Kunċizzjoni kif tibda l-biċċa dejqa sa fejn is-Sur Zarifa, jekk jistgħux isiru tabelli tal- 'give way' u kemm il-fuq in-naħa tal-Kunċizzjoni.
67.3.89Il-Kunsill qabel li għandhom isiru dawn is-signs.
67.3.90 Is-Sinjorina Lorraine staqsiet lill-Kunsill jekk jaqblux li l-attivita' ta' Father Christmas hux ser issir din is-sena.
67.3.91Il-Kunsill qabel u d-data għandha tkun il-Ħamis 21 ta' Diċembru 2017 fl-4.00p.m.
67.3.92 Trid tiġi ppreparta l-flyer u dettalji dwar ħlas kollox bħas-sena l-oħra.
Ġie deċiż li jekk il-van ma jkunx *available*, ir-rigali jitqasmu mill-uffiċċju tal-Kunsill.
67.3.93 Is-Sindku, staqsiet għal l-approvazzjoni mingħand il-Kunsilliera biex bħal ma sar is-sena l-oħra għandiex issir ħarġa għall-Kunsilliera u l-istaff għal żmien il-Milied.
67.3.94 Il-Kunsill qabel dwar dan u għad trid tiġi deċiża d-data u l-post.

## 67.4 APPROVAZZJONI TAL QUARTERLY FINANCIAL REPORT GĦAL PERJODU 1 TA' JANNAR SA L-AHHAR TA' ĠUNJU 2017 – IT-TIENI KWART.

67.4.1 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill il-Quarterly Financial report għat-tieni kwart tas-sena bejn April u Ġunju 2017.
67.4.2 Hija nfurmat lill-Kunsill li hija qeda tirsisti ma' l-accountant biex kemm jista jkun malajr tlesti t-tielet kwart tal quarterly financial report biex jiġi approvat.
67.4.3 Is-Segretarju spjegat li fir-rapport, il-Kunsill qiegħed b'surplus ta' €33,305 li huwa surplus għal din is-sena biss skond l-allokkazzjoni, u xorta għad fadal id-dejn mal-kuntrattur ta' Polidano fuq il-PPP.
67.4.4 Fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia sekondat mis-sur Massimo Scerri, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

**67.5 FESTIVAL TAĊ-ĊITRU 2018**

67.5.1 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq il-Festival taċ-Ċitru 2018.
67.5.2 Hija nfurmat lill-Kunsill li s'issa għadna ma rċevejna xejn mid-Dipartiment biex napplikaw bħala fondi.
67.5.3 Is-Sindku nfurmat li importanti li nitkellmu mal-perit Vassallo li huwa l-Perit fuq il-binja ta' ħdejn il-Mithna biex is-site tiġi mnaddfa u tiġi cleared jew isir xi qlugħ biex ma jkun jidher xejn peress li ġol-Mitħna ser issir exhibition ta' l-Arti.
67.5.4 Is-Sindku nfurmat li l-exhibition tista ssir peress li din tkun *self funded* anke jekk ma nieħdux fondi fuq il-Festival taċ-Ċitru.
66.5.5 Ġie deċiż li importanti li nistaqsu lid-Dipartiment jekk hux ser joħorġu xi skemi fuq l-attivitajiet kulturali għas-sena id-dieħla.
67.5.6 Fuq il-festival taċ-Ċitru, s-Sindku nfurmat lill-Kunsill li hemm grupp min Sqallija li ħadu interess kbir fil-Festival taċ-Ċitru u dawn lesti li jieħdu sehem billi iġibu x-xorb u l-ħelu tagħhom.
67.5.7 Fuq it-toliets, is-Sindku qalet li m'għandix ninkwetaw speċjalemnt jekk isir fis-Sala tal-Mirakli.
67.5.8 Is-Sindku, qalet li importanti li malajr kemm jista jkun inkunu nafu fuq il-fondi biex nibdew naħsbu għat-tined u l-affarijiet l-oħra bħal l-artiġjanati.

**67.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u petty cash**

67.6.1 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda tal-pagamenti għax-xahar ta' Ottubru/ Novembru 2017u anke skeda tal-Petty Cash.
67.6.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ma approvatx il-pagamenti tal-Waste Collection Ltd.
67.6.3 Fuq proposta tas-Sur Stephanie Cutajar sekondata mis-Sur Massimo Scerri, il-pagamenti ġew approvati unanimament imma pagament fuq il-petty cash ma kienx hemm.

**67.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

67.7.1 Il-laqgħa ntemmet fis-07.05p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta il-5 ta' Diċembru 2017, fil-5.00pm.

**IFFIRMATA**
Magda Magri Naudi
Sindku

**IFFIRMATA**
Georgette Borg
Segretarju Eżekuttiv